Avviz Numru CCT 357/11/GZ

**Mr & Mrs T. Scerri**

**vs**

**Alucare Mosta Ltd.**

Illum 24 ta' Jannar 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-23 ta' Awissu, 2011 fejn ir-rikorrenti talbu rifuzjoni ta' disgha u tmenin Ewro u ghoxrin centezmu (€89.20), rapprezentanti zieda fil-prezz originali ghal 'roller shutter', minhabba zbal li ttiehed fil-qisien.

Is-socjeta' ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi:-**

Fil-bidu ta' April 2011, huma kienu ordnaw tliet (3) 'roller shutters' minghand is-socjeta' ntimata, fejn hekk skond il-qisien li hadu r-rikorrenti, il-prezz kien ta' elf hames mija hamsa u sebghin Ewro u tletin centezmu (€1,575.30). Dan il-prezz kien jinkludi tliet (3) shutters, tliet (3) UPS' u t-twahhil fil-post.

Is-Sur Stephen, mis-socjeta' ntimata, kien mar jiehu l-qisien sabiex jikkonferma l-ordni u l-prezz. Dakinhar kien hemm prezenti r-rikorrenti u l-erbghat itfal taghhom.

Wara dan, ir-rikorrenti kienu rcevew quotation gdida permezz ta' email bi prezz revedut ta' elf sitt mija erbgha u hamsin Ewro u sitta u tletin centezmu (€1654.36), u cioe' b'zieda ta' disgha u sebghin Ewro u sitt centezmi (€79.06). Ir-rikorrenti kienu accettaw dan il-prezz u kkonfermaw l-ordni.

Fl-14 ta' April 2011, persuna mis-socjeta' ntimata kienet marret id-dar tar-rikorrenti sabiex huma jhallsu d-depozitu, ghaliex ir-rikorrenti ma setghux imorru personalment. Huma hallsuh dan id-depozitu fl-ammont ta' sitt mija erbgha u hamsin Ewro (€654.00) fuq l-ordni in kwistjoni.

Fil-25 ta' Gunju, is-socjeta' ntimata kienet marret bix-xoghol li kien jikkonsisti f'tieqa u zewg (2) bibien. It-tieqa u wiehed mill-bibien kienu twahhlu fil-post u l-qisien kienu tajbin, pero' meta gew biex iwahhlu l-bieb l-iehor huma kienu skoprew li l-qisien kienu hziena. Ghalhekk, il-haddiema kienu cemplu lis-Sur Stephen u dan minn naha tieghu kien cahad li ha l-qisien personalment u beda jkellem lir-rikorrenti b'mod pastaz. Huwa kien qal lir-rikorrenti illi sabiex ikomplu bix-xoghol huma riedu jzidu tmenin Ewro (€80.00) fil-prezz. Ir-rikorrenti ma accettawx din iz-zieda ghaliex diga' kienu hallsu zieda fil-prezz qabel. Mhux talli hekk, pero' s-socjeta' ntimata halliet lir-rikorrenti b'nofs ix-xoghol sa llum.

Ir-rikorrenti hassew ruhhom aggravati b'dan in-nuqqas ta' servizz u ghalhekk qed jitolbu li jhallsu l-prezz li l-partijiet kienu ftehemu fuqu fl-14 ta' April 2011 lis-socjeta' ntimata (fuq liema ammont ir-rikorrenti kienu diga' hallsu depozitu fl-ammont ta' sitt mija erbgha u hamsin Ewro (€654.00); li jiehdu lura l-hlas ta' dan it-Tribunal u kull spejjez involuti f'dan it-Tribunal; u li jinghataw ix-xoghol komplut bil-garanzija kif suppost.

Ir-rikorrenti ezebew kopja tal-quotation originali ghall-prezz ta' elf hames mija hamsa u sebghin Ewro u tletin centezmu (€1575.30), datat 3 ta' Frar 2011; kopja tal-quotation rivedut ghall-prezz ta' elf sitt mija erbgha u hamsin Ewro u sitta u tletin centezmu (€1654.36), datat 12 ta' April 2011; kopja ta' l-order form minn fejn jirrizulta l-hlas ta' sitt mija erbgha u hamsin Ewro (€654.00) bhala depozitu, data 14 ta' April 2011; u tliet (3) ritratti tax-xoghol li kien jikkonsisti f'tieqa u zewg (2) bibien.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' ntimata, imharrka diversi drabi, m'hijiex debitament notifikata, stante li t-tahrikiet dejjem baqghu 'unclaimed' nonostante l-fatt li l-indirizz huwa wiehed validu. Ill ghalhekk, l-istess socjeta' ntimata msejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta, kif ukoll ma baghtietx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, huma stqarru li meta r-rapprezentant tas-socjeta' ntimata kien mar ikejjel fuq il-post u anke kien ta stima tax-xoghol, *huwa xorta wahda ha qies hazin u llum il-gurnata baqghu minghajr 'shutter'*. Is-socjeta' ntimata kienet talbithom zieda fil-prezz ta' tmenin Ewro (€80.00) biex tkompli. Ir-rikorrenti kienu diga' tawh is-somma ta' sitt mija erbgha u hamsin Ewro (€654.00). Xehdu wkoll illi s-socjeta' ntimata kienet anke ppruvat twahhal fir-rikorrenti li hadu qies hazin, u dana nonostante l-fatt li rapprezentant tas-socjeta' ntimata kien mar fuq il-post u ha l-qies hu stess. Ir-rikorrenti kkonkludew *billi qalu li huma jridu li s-socjeta' ntimata* tispicca dan ix-xoghol.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u wara li nnota li hekk skond il-provi l-qisien kienu zbaljati minhabba zbal da parti tas-socjeta' ntimata, jinnota li z-zieda fil-prezz ta' tmenin Ewro (€80.00), liema ammont zdied mal-prezz stante dan l-imsemmi zbal da parti tas-socjeta' ntimata, ma kienx fil-fatt qatt thallas da parti tar-rikorrenti, ghalhekk it-talba ghal din ir-rifuzjoni jmissa qatt ma saret. Illi ghalhekk, dan it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, billi jordna lis-socjeta' ntimata tkompli u tikkonkludi x-xogholijiet hekk mibdija u li ghal liema r-rikorrenti diga' hallsu depozitu, wara liema r-rikorrenti ghandhom ihallsu l-kumplament tal-prezz hekk kif kien gie miftiehem fl-14 ta' April 2011 lis-socjeta' ntimata, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**